# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 29 ta' Ottubru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**
**vs**
**Omissis 1**

**Kumpilazzjoni Nru: 715/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis 1;

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Awwissu 2015 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b-risoluzzjoni wahda:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-mara tieghu Omissis 2 skond kif iccertifika Dr. E. Cherubino MD reg. 3370 u din l-offiza iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz.

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta'

natura gravi fuq il-mara tieghu Omissis 2 skond kif iccertifika Dr. E. Cherubino MD reg. 3370 u li giet maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv.

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq it-telefon cellulari ta' l-ghamla Apple I-Phone, liema hsara ma tiskorriex l-elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250) u dan ghad-detriment tal-mara Omissis 2.

4. U aktar talli bl-imgieba tieghu ripetutament u/jew bl-uzu jew it-theddid tal-uzu ta' l-arma, ikkaguna lill-mara tieghu Omissis 2 li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew konta l-persuna ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) (a) fil-presenza tal-minuri Omissis 3 u Omissis 4 u Omissis 5 u hekk huwa jaf jew messhu kien jaf li l-imgieba tieghu ikkagunat lil haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet.

5. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ingurja jew hedded lill-mara tieghu Omissis 2, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta ta' Omissis 2 garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra skond artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li nqala' nhar is-26 ta' Awissu 2015 bejn l-imputat u martu Omissis 2 fir-residenza taghhom, u xi incidenti ohra li graw fix-xhur ta' qabel dan l-incident.

Illi jibda biex jinghad li l-unici xhieda li taw d-depozizzjoni taghhom f'dan il-kaz kienu s-surgent li ha r-rapport u l-ispettur li nvestigat il-kaz. Ghandu jigi sottolineat li dan ma kienx xi nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni ghaliex l-unici persuni ohra li setghu jitressqu bhala xhieda kienu l-parte leza u l-ulied minuri tal-partijiet[1]. Dawn, skond ix-xewqa taghhom, ma xehedux minhabba l-parentela taghhom ma'l-imputat[2].

Illi mid-depozizzjoni taz-zewg xhieda prodotti[3] jirrizulta ampjament li fis-26 ta' Awissu 2015 sehh incident fir-residenza tal-konjugi Omissis u li f'dan l-incident wegghet Omissis 2 b'sikikina. Pero dak li rrakkontaw dawn ix-zewg xhieda (cioe l-ispettur u s-surgent) dwar x'wassal ghal dan l-incident u d-dinamika tieghu, minn kien involut u l-partecipazzjoni tal-persuni involuti, kif ukoll dak li rrakkontaw dwar l-incidenti li sehhew fix-xhur ta' qabel, huwa biss *hearsay evidence* li ma jista jinghata l-ebda piz minn din il-Qorti.

Illi l-unici xhieda li setghu jitfghu dawl fuq l-incidenti de quo kienu l-parte leza, Omissis 2, u ulied il-konjugi Omissis; dawn pero ghazlu li ma jaghtux id-depozizzjoni taghhom. F'dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' provi ohra, il-Qorti ma tista taghmel xejn hlif li tillibera lill-imputat.

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li l-parte leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali ghalhekk il-procediment fir-rigward tal-hames imputazzjoni[4] huwa ezawriet.

---

[1] Id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-konferma b'gurament tac-certifikat mediku ta'l-imputat ghalhekk ma kienux mehtiega provi ulterjuri dwar il-griehi sofferiti minn Omissis 2 .

[2] Ref verbal ta' l-udjenza mizmuma f'l-4 ta' Settembru 2015 (fol 23) u d-degriet tad-19 ta' Ottubru 2015 (fol 71).

[3] PS1270 Antoine Zammit (fol 25) u l-Ispettur Christabelle Chetcuti (fol 51).

[4] L-unika imputazzjoni li hija prosegwibbli fuq kwerela tal-parte leza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddikjara l-procediment fir-rigward tal-hames imputazzjoni ezarwriet, ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**